SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 14/K8/16**

**Laqgħa numru 14 tal-Leġislatura Nru. 8**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 08/04/16 392**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 04/03/'16 21**

## 14.01 Introduzzjoni

**14.01.01** Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Ġimgħa 8 ta' April 2016

**14.01.02** Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.00p.m.

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Guido Dalli | Viċi Sindku | GD | Preżenti |
| Dott. Albert Buttigieg | Kunsillier | AB | Preżenti |
| Martin John Sultana | Kunsillier | MJS | Preżenti |
| John Agius | Kunsillier | JA | Preżenti |
| Adrian Dominic Ellul | Kunsillier | ADE | Prezenti |
| Clayton Luke Mula | Kunsillier | CLM | Preżenti |
| Clayton Tanti Gregoraci | Kunsillier | CTG | Preżenti |
| Rita Dimech Portelli | Kunsilliera | RDP | Preżenti |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Cher Carmen Fenech | Skrivana | CCF | Preżenti |

**14.01.03** Kien preżenti wkoll l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ is-Sur Brian Azzopardi.

**14.01.04** Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

**14.01.05** Il-Viċi Sindku Guido Dalli ippresieda l-laqgħa.

**14.01.06** Inqrat it-Talba.

**Aġenda**

**14.01.08** Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-1 ta' April 2016. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Ġieh San Ġiljan
4. Għoti ta' Tender
5. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
6. Update tal-proġetti
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
9. Aġġornament tal-Laqgħa.

## 14.1 Approvazzjoni ta' Minuti

**14.1.01** Il-Viċi Sindku ressaq il-Minuti 13/K8/16 għall-approvazzjoni.

**14.1.02** Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

**14.1.03** Il-Kunsillier Albert Buttigieg ssekondaha.

**14.1.04** Il-Kunsill qabel unanimament dment li ma jkunx hemm emendi f'dan il-każ il-punti jitqajmu fil-laqgħa li jmiss.

## 14.1.2 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

**14.1.2.01** Il-Kunsill ġie nfurmat li ma kienx hemm minuti ta' Paceville minħabba li l-laqgħa għadha ma saritx.

## 14.2. Korrispondenza

14.2.01 Fuq il-mejda tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

14.2.02 **Rif Nru. 1565**

Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar attivita' li ser issir fil-11 u 12 ta' Mejju 2016. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jipparteċipa. Din l-attivita' għandha ssir ħdejn il-Love Monument.

14.2.03 Il-Kunsillier John Agius wasal fil-5.10p.m.

14.2.04 **Rif Nru. 1641**

Saret riferenza għat-talba mingħand l-Kummissjoni Djakonija tal-Paroċċa ta' San Ġiljan dwar ħlas ta' trasport għal tlett ħarġiet. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jagħti l-parteċipazzjoni tiegħu.

14.2.05 **Rif Nru. 1682**

Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Yuliyan Milushev sabiex terġa tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni tiegħu għall-Advertising Barrier fi Triq Santu Wistin. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament ma' jingħatax permess.

14.2.06 **Rif Nru. 1904**

Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta dwar Triq il-Qalb Imqaddsa. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tintbagħat it-talba formali lit-Transport Malta sabiex issir '*one way'* min-naħa ta' San Ġwann kif ġie ssuġġerit min-naħa tagħhom.

14.2.07 **Rif. Nru. 1945**

Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Ċirkulari–Laqgħa għas-Sindki fis-6 u 7

ta' Mejju 2016 fil-Lukanda Calypso, Marsalforn. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li s-Sindku u l-Viċi Sindku jattendu.

**14.2.08 Rif Nru. 1954**

Saret riferenza għat-talba mingħand mis-Sur Aldo Muscat sabiex jarma kiosk fid-daħla tat-Tigulio. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma' jsib l-ebda oġġezzjoni li jinħareġ l-permess u tinżamm €50 bħala depożitu.

**14.2.09 Rif Nru. 1989**

Il-Kunsill ġie nfurmat bl-email mingħand l-Uffiċċju Elettorali dwar l-post vakanti ta' Kunsillier.

**14.2.10 Rif Nru. 2008**

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Barracuda Ltd. b' talba għal-laqgħa. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma' jsib l-ebda oġġezzjoni li ssir laqgħa miegħu.

## 14.3 Ġieħ San Ġiljan

**14.3.01** Sar ir-ringrazzjament għal kull min ta' sehem fir-rigward l-organizzazzjoni tajba li saret.

## 14.4 Għoti ta' Tender

**14.4.01** Saret sospenzjoni ta' l-aġenda fejn items għall-għoti tat-tender, kommunikazzjoni miċ-ċermen, u update tal-proġetti ser jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

## 14.7 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

**14.7.01** Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

**14.7.02** Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

**14.7.03** Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci ssekondah.

## 14.8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**14.8.01** Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3926 sa' Nru. 3951. (Ara Appendiċi 'B').

**14.8.02** Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3926 sa' Nru. 3951.

**14.8.03** Saret sospenzjoni tal-Aġenda sabiex jigu diskussi l-ħatriet.

## 14.9 Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Sindku

**14.9.01** F'dan l-istadju minħabba li kellha ssir l-ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku, din il-parti tal-laqgħa ġie immexxija mis-Sur John Agius bħala l-Kunsillier l-aktar anzjan, filwaqt li minħabba li s-Sur Karl Gouder ta' r-riżenja tiegħu bħala Sindku, il-kunsillier John Agius qal li l-Viċi Sindku Guido Dalli huwa l-ewwel persuna wara is-Sur Gouder li kiseb l-ogħla għadd ta' voti, għaldaqstant għandu jokkupa l-kariga ta' Sindku. Għalhekk staqsih jekk jaċċettax il-kariga.

**14.9.02** Il-Viċi Sindku Guido Dalli iddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Sindku.

**14.9.03** Is-Sindku Guido Dalli ħa l-ġurament tal-ħatra fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dott. Ian Micallef.

**14.9.04** Hu rringrazzja lill-membri kollha u awgura li bil-kooperazzjoni ta' kulħadd dan il-Kunsill jibqa' jaħdem kif dejjem ħadem fil-passat, jiġifieri li jġib l-ewwel lil-lokalita' qabel il-partiti politiċi. B'hekk il-Kunsill jibqa' jkun ta' suċċess għall-ġid tal-lokalita' kollha.

## 14.10 Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi-Sindku

**14.10.01** Iċ-Ċermen iddikjara li minħabba li l-Kunsillier Dott Albert Buttigieg kiseb l-akbar numru ta' voti fl-ewwel għadd tal-partit fil-maġġoranza wara is-Sur Guido Dalli, dan għandu jokkupa l-kariga ta' Viċi-Sindku. Għalhekk ġie mistoqsi jekk jaċċettax il-kariga.

**14.10.02** Il-Kunsillier Dott. Albert Buttigieg iddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku.

**14.10.03** Il-Viċi Sindku ħa l-ġurament tal-ħatra fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dott. Ian Micallef.

## 14.11 Affarijiet oħra meqjusa urġenti u Aġġornament

**14.11.01** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 15 ta' April 2016 fl-4.00p.m.

**14.11.02** Il-laqgħa ntemmet fis-6.35p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**